MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Numru 13/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Giovanna Pace**
**Mark Pace**
**Christopher Mazzitelli**

**Sentenza dwar l-Eċċezzjonijiet Preliminari ta' Giovanna Pace. Mark Pace u Christopher Mazzitelli.**

Il-Qorti

Rat l-att tal-akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali li jgħid hekk:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-għoxrin (20) ta' April elfejn u erba' (2004) u matul l-erba' xhur ta' qabel, l-akkużati **Giovanna Pace**, **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli** iddeċidew li jibdew imexxu u

jittraffikaw illegalment fid-drogi *Herojina* u fir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* għal skopijiet ta' lukru. L-akkużati **Giovanna Pace**, **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli** ftehmu bejniethom fuq il-mod kif kellha tiġi eżegwita din l-attivita' kriminali illeċita.

Illi bħala parti minn dan il-pjan maqbul u l-mezzi kkumbinati u miftiehma bejniethom, **Mark Pace, Christopher Mazzitelli** u **Giovanna Pace.** Ftehmu wkoll li t-traffikar u l-forniment illegali ta' dawn id-drogi kellu jsir minn **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli** filwaqt li Giovanna Pace kellha tippermetti u tagħmel disponibbli l-użu tal-propjeta' tagħha sabiex ikun jista' jsir dan it-traffikar u l-forniment illegali.

Illi fil-fatt, in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maqbul u l-mezzi kkumbinati bejniethom **Mark Pace, Christopher Mazzitelli** u **Giovanna Pace** ftehmu illi kellu jintuża telefone ċellulari wieħed sabiex terzi persuni jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' **Mark Pace** u/jew **Christopher Mazzitelli** u jifthiemu biex jiltaqgħu fir-residenza ta' **Giovanna Pace**, sabiex min hemmhekk jkunu jistgħu ifornu u jittraffikaw l-imsemmija droga lil dawn l-istess terzi.

In fatti, bħala riżultat ta' dan il-ftehim illegali milħuq bejn l-imsemmija akkużati, numru ta' persuni kienu regolarment jirrikorru fl-imsemmi garaxx sabiex jakkwistaw id-drogi illegali msemmija.

Illi meta, fl-għoxrin (20) ta' April elfejn u erba' (2004) il-pulizija kienu qed jagħmlu tfittxija fir-residenza ta' Giovanna Pace u ċioe il-fond numru 61, Mill Street, Ħal-Qormi, filwaqt li l-istess **Giovanna Pace** kienet qed toffri resistenza lill-istess uffiċjali ipprovat taħbi u tiddisponi mid-drogi llegali Herojina u r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis billi ippruvat tarmiha fit-toilet tad-dar tagħhom. Illi minn dawn l-istess tfittxijiet irriżulta wkoll illi fir-residenza msemmija kien hemm ukoll miżmuma mad-drogi l-ammont ta' sitt elef Liri Maltin (Lm 6,000) (ekwivalenti għal tlettax-il elf, disgħa mija u sitta u sebgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu - €13,976.24).

Illi id-droga herojina u d-droga tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis huma msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi li tawtorizża lill-akkużati sabiex ifornu, jimportaw, jesportaw, jimmanifatturaw jew jipprokuraw d-droga perikoluża msemmija.

Illi l-akkużat **Mark Pace** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Diċembru 2000 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' erba' (4) snin priġunerija filwaqt li b'sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' April 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal multa ta' Lm 600 (€1,397.62);

Illi l-akkużat **Christopher Mazzitelli** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Lulju 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' tminn (8) xhur priġunerija u multa ta' Lm 400 (€931.75);

Illi b'għemilhom l-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace,** reċidiv f'delitt, u **Christopher Mazzitelli** reċidiv f'delitt, assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta (id-droga herojina u d-droga tar-raża meħuda mill-pjanta *cannabis*) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace,** reċidiv f'delitt, u **Christopher Mazzitelli** reċidiv f'delitt, ħatja talli, assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħu jew

jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta (id-droga herojina u id-droga tar-raża meħuda mill-pjanta *cannabis*) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni. Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundannati għal:-

Fir-rigward ta' **Giovanna Pace** piena ta' prġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

Fir-rigward ta' **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli**, piena ta' prġunerija għal għomorhom biż-żieda tal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perijodu, jew billi jiżdiedu pieni oħra stabbiliti fir-regolamenti tal-ħabs; u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(e), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta) u fl-artikoli 17, 18, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess ġranet u taħt l-istess ċirkostanzi indikat fl-ewwel Kap ta' Akkuża, u ċioe' fl-għoxrin (20) ta' April elfejn u erba' (2004) b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda l-akkużati **Giovanna Pace**, **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli**, iddeċiedew li jibdew imexxu u jittraffikaw fid-droga

Herojina fil-Gżejjer Maltin billi jbiegħu, jipprokuraw u jfornu l-istess droga lil diversi terzi persuni f'Malta u f'Għawdex għal skopijiet ta' lukru u dan mingħajr ma kienu debitament liċenzjati biex jagħmlu hekk.

Il-pulizija kienu ilhom diversi jiem jagħmlu l-osservazzjonijiet fl-inħawi tar-residenza ta' **Giovanna Pace**, u ċioe' l-fond numru 61, Mill Street, Ħal-Qormi, u tal-garaxx sottostanti għal din ir-residenza, fejn kienu qed jinnotaw numru kbir ta' persuni jirrikorru fl-imsemmi fond jew fl-imsemmi garaxx u jidħlu ġewwa. Il-pulizija innutaw ukoll li dawn l-istess persuni, wara ftit tal-ħin joħorġu u jitilqu 'l hemm minn fuq il-post.

Fl-għoxrin (20) ta' April elfejn u erba' (2004) waqt illi kienu qed jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom fl-imsemmija propjetajiet, il-pulizija wettqet operazzjoni fejn arrestat numru ta' persuni li kienu nnotati jidħlu u joħorġu mill-imsemmija propjetajiet. Dawn il-persuni kienu ċerta Charlot Calleja, Floyd Attard u Jon Lawrence Formosa. Sussegwentement il-Pulizija għamlet tfittxija fuq dawn il-persuni u nstab li kienu fil-pussess tad-droga Herojina. Minn aktar investigazzjonijiet irriżulta illi dawn l-istess persuni kienu akkwistaw id-droga Herojina mingħand l-imsemmija akkużati fil-mument li huma kienu fl-imsemmija propjetajiet ġewwa Ħal-Qormi.

Illi minn aktar investigazzjonijiet, irriżulta li Charlot Calleja kienet tixtri d-droga illegali Herojina f'okkażjonijiet mingħand **Mark Pace** u f'okkażjonijiet oħra mingħand **Christopher Mazzitelli** mill-istess fond**.** Hi kienet ċċempel fuq numru taċ-ċellulari li kellhom aċċess għaliħ kemm Mark Pace u kemm Christopher Mazzitelli u mbagħad tmur fl-imsemmi garaxx biex tiġi fornuta bid-droga illegali Herojina. Charlot Calleja kienet tinnota lil **Mark Pace** jew lil **Christopher Mazzitelli** – skond min ikun qed jaqdiha – jirrikorru ġewwa l-fond imsemmi, li jiġi r-residenza ta' Giovanna Pace, u wara ftit tal-ħin joħroġ bid-droga illegali Herojina bil-għan li jkun jista' jissupplixxiha għal skopijiet ta' lukru u filfatt kien jissupplixxiha.

Illi irriżulta wkoll li Floyd Attard u Jon Lawrence Formosa kienu xtraw id-droga illegali Herojina mingħand **Christopher Mazzitelli**, u dan billi jmorru fil-garaxx imsemmi u hemmhekk, wara li kienu jkellmu lil Christopher Mazzitelli, kienu jinnutawħ jidħol ġol-fond, li jiġi r-residenza ta' l-imsemmija **Giovanna Pace**, u wara ftit tal-ħin joħroġ bid-droga illegali Herojina bil-għan li jkun jista' jissupplixxiha għal skopijiet ta' lukru u filfatt kien jissupplixxiha.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi li tawtoriżża lill-akkużati sabiex ifornu, jimportaw, jesportaw, jimmanifatturaw jew jipprokuraw d-droga perikoluża msemmija.

Illi l-akkużat **Mark Pace** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Diċembru 2000 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' erba' (4) snin priġunerija filwaqt li b'sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' April 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal multa ta' Lm 600 (€1,397.62);

Illi l-akkużat **Christopher Mazzitelli** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Lulju 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' tminn (8) xhur priġunerija u multa ta' Lm 400 (€931.75);

Illi b'għemilhom, l-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace**, reċidiv f'delitt, u **Christopher Mazzitelli** reċidiv f'delitt, saru ħatja talli, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw id-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellhom liċenzja mill- Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kienu awtoriżżati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikoluża jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli

għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, w mingħajr ma kienu fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort’oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw d-droga msemmija, u mingħajr ma’ kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- l-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace**, reċidiv f’delitt, u **Christopher Mazzitelli** reċidiv f’delitt, ħatja talli b’diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b’riżoluzzjoni waħda, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw id-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f’dawn il-Gżejjer jew x’imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma’ kellhom liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma’ kienu awtoriżżati bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikoluża jew minn xi awtorita’ apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, w mingħajr ma kienu fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort’oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw d-droga msemmija, u mingħajr ma’ kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga. Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għal :-

Fir-rigward ta’ **Giovanna Pace** piena ta’ prġunerija għal għomorha u multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

Fir-rigward ta’ **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli**, piena ta’ prġunerija għal għmorhom biż-żieda tal-piena tar-

reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perijodu, jew billi jiżdiedu pieni oħra stabbiliti fir-regolamenti tal-ħabs; u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (G.N. 292 ta' 1939) u fl-artikoli 17 18, 23, 31 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess ġranet u taħt l-istess ċirkostanzi indikat fl-ewwel Kap ta' Akkuża, u ċioe' fl-għoxrin (20) ta' April elfejn u erba' (2004), ġewwa l-fond Nru 61 Mill Street, Qormi, waqt perkwiżizzjoni li kienu qed iwettqu l-uffiċjali tal-Pulizija, instabu moħbija fl-imsemmi fond, u ċioe' l-fond numru 61, Mill Street, Ħal-Qormi, li hija r-residenza ta' **Giovanna Pace,** diversi boroż kontenenti trab suspettat li huwa droga Herojina moħbija f'diversi bnadi fl-imsemmija residenza;

Illi minn aktar investigazzjonijiet irriżulta illi din l-istess sustanza kienet droga Herojina fl-ammont ta' madwar 13.3 gr b'purita ta' ċirka 85%. Din id-droga kienet intiża biex tiġi kkonsenjata mill-akkużati lil terzi persuni oħra fil-Gżejjer Maltin u nstabet taħt ċirkostanzi li juru li ma kienitx intiża għall-użu personali tagħhom.

Illi dakinhar li l-pulizija wettqu t-tfittxija ġewwa r-residenza msemmija, **Giovanna Pace**, filwaqt li kienet qed toffri resistenza lill-uffiċjali tal-pulizija, ipprovat taħbi u teħles minn xi oġġetti li kienu moħbija fid-dar billi qabdithom f'idejha u saħansitra, f'mument minnhom, ipprovat

tarmihom fit-toilet tad-dar tagħha. Illi fortunatament, l-uffiċjali tal-pulizija li kienu fuq il-post irnexxielhom iżommuha milli tarmihom u ħadu pussess ta' l-oġġetti li ppruvat taħbi u tarmi. Illi minn aktar investigazzjonijiet, irriżulta illi l-oġġetti li ppruvat tarmi kienu jinkludu, fost l-oħrajn, boroż kontenenti d-droga Herojina.

Illi apparti din is-sustanza li **Giovanna Pace** ippruvat tarmi, il-pulizija sabu aktar boroż kontenenti sustanza suspettata li hija droga f'numru ta' postijiet fil-kamra tas-sodda prinċipali u fil-kċina u min aktar stħarriġ irriżulta ukoll li s-sustanza kienet droga Herojina.

Illi l-fondi msemmija, u ċioe' 61, Mill Street Qormi u l-garaxx sottostanti ilhom jintużaw bħala r-residenza ta' l-akkużata **Giovanna Pace** għal perjodu twil ta' żmien, filwaqt li l-akkużati **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli** kellhom aċċess għall-imsemmi fond. Illi l-aċċess għall-imsemmi fond tant kien liberu għal **Mark Pace** u għal **Christopher Mazzitelli** illi huma kienu jużaw dan l-istess fond u garaxx sottostanti sabiex joperaw l-attivita' illeċita ta' traffikar illegali tad-droga perikoluża msemmija. Fil-fatt, kull meta persuna kienet tersaq viċin l-imsemmi garaxx bil-għan li tkun tista' tixtri d-droga illegali Herojina, kemm **Mark Pace** u kemm **Christopher Mazzitelli** kienu jidħlu ġewwa l-imsemmi fond u wara ftit minuti joħorġu bid-droga illegali Herojina. Illi b'hekk huma kellhom aċċess liberu għad-droga illegali u perikoluża li nstabet moħbija ġewwa l-imsemmi fond.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi li tawtorizza lill-akkużati sabiex ifornu, jimportaw, jesportaw, jimmanifatturaw jew jipprokuraw d-droga perikoluża msemmija.

Illi l-akkużat **Mark Pace** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta'

Diċembru 2000 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' erba' (4) snin priġunerija filwaqt li b'sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' April 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal multa ta' Lm 600 (€1,397.62);

Illi l-akkużat **Christopher Mazzitelli** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Lulju 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' tminn (8) xhur priġunerija u multa ta' Lm 400 (€931.75);

Illi b'għemilhom, l-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace**, reċidiv f'delitt, u **Christopher Mazzitelli** reċidiv f'delitt, saru ħatja talli, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga herojina meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b' xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess tagħhom, u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li **dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom.**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace**, reċidiv f'delitt, u **Christopher Mazzitelli** reċidiv f'delitt, ħatja talli, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga herojina meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond

id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b' xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess tagħhom, u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li **dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom.** Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkuzati u illi jigu kkundanati għal:-

Fir-rigward ta' **Giovanna Pace** piena ta' prġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

Fir-rigward ta' **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli**, piena ta' prġunerija għal għmorhom biż-żieda tal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perijodu, jew billi jiżdiedu pieni oħra stabbiliti fir-regolamenti tal-ħabs; u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikolużi u fl-artikoli 17 18, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akużati.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fl-istess ġranet u taħt l-istess ċirkostanzi indikat fil- Kap ta' Akkuża preċedenti, u ċioe' fl-għoxrin (20) ta' April elfejn u erba' (2004) u matul l-erba' xhur ta' qabel b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, l-akkużati **Giovanna Pace**, **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli**, iddeċiedew li jibdew imexxu u jittraffikaw fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis billi jbiegħu, jipprokuraw u jfornu l-istess droga lil diversi persuni f'Malta u f'Għawdex għal skopijiet ta' lukru u dan mingħajr ma kienu debitament liċenzjati biex jagħmlu hekk.

Il-pulizija kienu ilhom għal diversi jiem josservaw l-inħawi tar-residenza ta' **Giovanna Pace**, u ċioe' l-fond numru 61, Mill Street, Ħal-Qormi u tal-garaxx sottostanti għal din ir-residenza, fejn kienu qed jinnotaw numru kbir ta' persuni jirrikorru fl-imsemmi fond jew fl-imsemmi garaxx u jidħlu ġewwa. Kienu qed jinnutaw li wara ftit tal-ħin dawn l-istess persuni kienu joħorġu u jitilqgħu 'l hemm minn fuq il-post.

Illi fl-għoxrin (20) ta' April elfejn u erba' (2004), waqt illi kienu qed jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom fl-imsemmija propjetajiet, il-pulizija wettqet operazzjoni fejn arrestat numru ta' persuni li ġew innotati jidħlu u wara ftit tal-ħin joħorġu mill-imsemmija propjetajiet. Dawn il-persuni kienu ċerta Oscar Cassar, Josephine Micallef u Philip Aquilina. Sussegwentement il-Pulizija għamlet tfittxija fuq dawn il-persuni u nstab illi kienu fil-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta Cannabis. Minn aktar investigazzjonijiet irriżulta illi dawn l-istess persuni kienu akkwistaw l-imsemmija droga mingħand l-imsemmija akkużati fil-mument li huma kienu fl-imsemmija propjetajiet ġewwa Ħal-Qormi.

Illi min aktar investigazzjonijiet, irriżulta li Josephine Micallef kienet xtrat f'diversi okkażjonijiet biċċiet tar-raża meħuda mill-pjanta Cannabis mingħand **Mark Pace**. Josephine Micallef kienet tmur ħdejn l-imsemmi garage u hemmhekk kienet tixtri d-droga illegali mingħand Mark Pace. Meta kienet tmur u tistaqsieħ, hu kien jidħol ġewwa

l-fond imsemmi u wara ftit tal-ħin joħroġ mill-imsemmi fond u jforniha d-droga illegali għal-skopijiet ta' lukru;

Illi rriżulta wkoll li Oscar Cassar kien xtara, f'diversi okkażjonijiet, biċċiet tar-raża meħuda mill-pjanta Cannabis mingħand **Christopher Mazzitelli**. Il-mod li biħ kien jakkwista din id-droga kien li jmur viċin l-imsemmi garaxx u hemmhekk jiltaqa' ma' Christopher Mazzitelli u jsqasiħ biex jixtri. Christopher Mazzitelli kien jidħol ġewwa l-imsemmi fond u wara ftit jerġa joħroġ bid-droga illegali u jforni lill-Cassar għal skopijiet ta' lukru u filfatt kien jissupplixxiha.;

Illi Philip Aquilina, min-naħa tiegħu, kien xtara biċċieta tar-raża meħuda mill-pjanta Cannabis kemm mingħand **Mark Pace** kif ukoll mingħand **Christopher Mazzitelli**. F'dawn l-okkażjonijiet, **Pace** jew **Mazzitelli** – skond min ikun qiegħed iforni d-droga illegali – kienu jidħlu ġewwa l-imsemmi fond u wara ftit tal-ħin joħorġu bid-droga illegali u jgħadduha lil Aquilina għal skopijiet ta' lukru u filfatt kien jissupplixxiha..

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi li tawtoriżża lill-akkużati sabiex ifornu, jimportaw, jesportaw, jimmanifatturaw jew jipprokuraw d-droga perikoluża msemmija.

Illi l-akkużat **Mark Pace** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Diċembru 2000 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' erba' (4) snin priġunerija filwaqt li b'sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' April 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal multa ta' Lm 600 (€1,397.62);

Illi l-akkużat **Christopher Mazzitelli** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Lulju 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' tminn (8) xhur priġunerija u multa ta' Lm 400 (€931.75);

Illi b'għemilhom, l-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace**, reċidiv f'delitt, u **Christopher Mazzitelli** reċidiv f'delitt, saru ħatja talli b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw ir-raża meħuda mill-pjanta tal-Cannabis lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellhom liċenzja mill- Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikoluża jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, w mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw d-droga msemmija, u mingħajr ma' kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- l-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace**, reċidiv f'delitt, u **Christopher Mazzitelli** reċidiv f'delitt, ħatja talli b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw ir-raża meħuda mill-pjanta tal-Cannabis lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellhom liċenzja mill- Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikoluża jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, w mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw d-droga msemmija, u mingħajr ma'

kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga. Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għal :-

Fir-rigward ta' **Giovanna Pace** piena ta' prġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

Fir-rigward ta' **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli**, piena ta' prġunerija għal għomorhom biż-żieda tal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perijodu, jew billi jiżdiedu pieni oħra stabbiliti fir-regolamenti tal-ħabs; u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (G.N. 292 ta' 1939) u fl-artikoli 17 18, 23, 31 49, 50 u 533 tal-Kodiċi

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fl-istess ġranet u taħt l-istess ċirkostanzi indikat fil-Kapi ta' Akkuża preċedenti, u ċioe' fl-għoxrin (20) ta' April elfejn u erba' (2004), ġewwa l-fond Nru 61 Mill Street, Qormi, waqt perkwiżizzjoni li kienu qed iwettqu l-uffiċjali tal-Pulizija, instabu moħbija fl-imsemmi fond diversi boroż kontenenti diversi biċċiet tar-raża meħuda mill-pjanta Cannabis. Dawn il-biċċiet tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis kienu ta' daqs u piż differenti iżda minn aktar investigazzjoni rriżulta li l-piż totali ta' dawn il-biċċiet huwa ta' 118.4 gr b'purita' li tvarja bejn it-30% u s-60%. Din id-droga kienet intiża biex tiġi kkonsenjata mill-akkużati lil terzi persuni oħra fil-Gżejjer Maltin u nstabet taħt

ċirkostanzi li juru li **ma kienitx intiża għall-użu personali tagħhom**.

Illi dakinhar li l-pulizija wettqu t-tfittxija ġewwa r-residenza msemmija, **Giovanna Pace**, filwaqt li kienet qed toffri resistenza lill-uffiċjali tal-pulizija, ipprovat taħbi u teħles minn xi oġġetti li kienu moħbija fid-dar billi qabdithom f'idejha u saħansitra, f'mument minnhom, ipprovat tarmihom fit-toilet tad-dar tagħha. Illi fortunatament, l-uffiċjali tal-pulizija li kienu fuq il-post irnexxielhom iżommuha milli tarmihom ħadu pussess ta' l-oġġetti li ppruvat taħbi u tarmi. Illi minn aktar investigazzjonijiet, irriżulta illi l-oġġetti li ppruvat tarmi kienu jinkludu, fost l-oħrajn, biċċiet tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis, li hija d-droga illegali.

Illi minn aktar investigazzjonijiet fuq il-post, il-pulizija sabu oġġetti moħbija f'numru ta' postijiet fil-kamra tas-sodda prinċipali u fil-kċina li min aktar stħarriġ irriżulta li kienu biċċiet tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis.

Illi l-fondi msemmija, u ċioe' 61, Mill Street Qormi u l-garaxx sottostanti ilhom jintużaw bħala r-residenza ta' l-akkużata **Giovanna Pace** għal perjodu twil ta' żmien, filwaqt li l-akkużati **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli** kellhom aċċess għall-imsemmi fond. Illi l-aċċess għall-imsemmi fond tant kien liberu għal **Mark Pace** u għal **Christopher Mazzitelli** illi huma b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kienu jużaw dan l-istess fond u garaxx sottostanti sabiex joperaw l-attivita' illeċita ta' traffikar illegali tad-droga perikoluża msemmija. Fil-fatt, kull meta persuna kienet tersaq viċin l-imsemmi garaxx bil-għan li tkun tista' tixtri biċċiet tar-raża meħuda mill-pjanta Cannabis, kemm **Mark Pace** u kemm **Christopher Mazzitelli** kienu jidħlu ġewwa l-imsemmi fond u wara ftit minuti joħorġu bid-droga illegali msemmija. Illi b'hekk huma kellhom aċċess liberu għad-droga illegali u perikoluża li nstabet moħbija ġewwa l-imsemmi fond.

Illi l-akkużat **Mark Pace** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta'

Diċembru 2000 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' erba' (4) snin priġunerija filwaqt li b'sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' April 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal multa ta' Lm 600 (€1,397.62);

Illi l-akkużat **Christopher Mazzitelli** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Lulju 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' tminn (8) xhur priġunerija u multa ta' Lm 400 (€931.75);

Illi b'għemilhom, l-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace**, reċidiv f'delitt, u **Christopher Mazzitelli** reċidiv f'delitt, saru ħatja talli, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kellhom fil-pussess tagħhom ir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), u meta ma kienux bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (GN 292 ta' l-1939) jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess tagħhom, u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace**, reċidiv f'delitt, u **Christopher Mazzitelli** reċidiv f'delitt, ħatja talli, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, saru ħatja talli kellhom fil-pussess tagħhom ir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni

għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta), u meta ma kienux bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (GN 292 ta’ l-1939) jew b’xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess tagħhom, u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom.** Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għal:-

Fir-rigward ta’ **Giovanna Pace** piena ta’ prġunerija għal għomorha u multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

Fir-rigward ta’ **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli**, piena ta’ prġunerija għal għmorhom biż-żieda tal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perijodu, jew billi jiżdiedu pieni oħra stabbiliti fir-regolamenti tal-ħabs; u multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta) u r-regola 4(a) u 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (GN 292 ta’ l-1939) u fl-artikoli 18, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-

Liġijiet ta' Malta) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fl-istess ġranet u taħt l-istess ċirkostanzi indikat fil-Kapi ta' Akkuża preċedenti, u ċioe' fl-għoxrin (20) ta' April elfejn u erba' (2004), ġewwa l-fond Nru 61 Mill Street, Qormi, waqt perkwiżizzjoni li kienu qed iwettqu l-uffiċjali tal-Pulizija, instabet moħbija fl-imsemmi fond borża kontenenti trab abjad, suspettat droga kokajina. Illi minn aktar investigazzjonijiet irriżulta illi dan it-trab huwa droga kokajina u li l-piż tagħha kien ta' 0.6gr b'purita ta' ċirka 8%.

Illi l-fond Nru 61, Mill Street Qormi u l-garaxx sottostanti ilhom jintużaw bħala r-residenza ta' l-akkużata **Giovanna Pace** għal perjodu twil ta' żmien u l-akkużati **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli** kellhom aċċess għal dawn il-fondi msemmija. Illi d-droga illegali kokajina instabet mill-uffiċjali tal-pulizija fl-istess boroż u flimkien mad-drogi misjuba mill-istess uffiċjali tal-pulizija u msemmija fil-kapi ta' akkuża preċedenti.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar iil-Mediċini Perikolużi.

Illi l-akkużat **Mark Pace** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Diċembru 2000 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' erba' (4) snin priġunerija filwaqt li b'sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' April 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal multa ta' Lm 600 (€1,397.62);

Illi l-akkużat **Christopher Mazzitelli** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Lulju 2002 instab ħati ta' delitt u ġie ikkundanat għal perjodu ta' tminn (8) xhur priġunerija u multa ta' Lm 400 (€931.75);

Illi b'għemilhom, l-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace**, reċidiv f'delitt, u C**hristopher Mazzitelli** reċidiv f'delitt, saru ħatja talli, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, saru ħatja talli_kellhom fil-pussess tagħhom id-droga kokajina meta' ma' kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienux bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienux awtorizzati bir- Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga u li ma' ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provduta fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija **Giovanna Pace**, **Mark Pace**, reċidiv f'delitt, u **Christopher Mazzitelli** reċidiv f'delitt, saru ħatja talli, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, saru ħatja talli kellhom fil-pussess tagħhom id-droga kokajina meta' ma' kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienux bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienux awtorizzati bir- Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga u li ma' ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provduta fir-Regoli msemmija. Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għal:-

Fir-rigward ta’ **Giovanna Pace** piena ta’ prġunerija għal għomorha u multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

Fir-rigward ta’ **Mark Pace** u **Christopher Mazzitelli**, piena ta’ priġunerija għal għomorhom biż-żieda tal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perijodu, jew billi jiżdiedu pieni oħra stabbiliti fir-regolamenti tal-ħabs; u multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi w ir-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 18, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il- ligi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmija akkużati.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba` Kap illi fl-istess ġranet u taħt l-istess ċirkostanzi indikati fil-Kapi ta’ Akkuża preċedenti, u ċioe’ fl-għoxrin (20) ta’ April elfejn u erba’ (2004) għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta’ wara nofsinhar (2.15 pm) , il-pulizija ftit wara li waqqfu l-vettura tat-tip Toyota u li fiha kien hemm Mark Pace, Christopher Mazzitelli u persuna oħra u elevaw mill-imsemmija vettura sett ċwievet, marru fil-fond Nru. 61, Mill Street, Ħal-Qormi fejn hemmhekk fetħu l-bieb ta’ barra u infurmaw immedjatament lill-inkwilini bil-preżenza tagħhom u li kienu se jidħlu biex jipperkweżizzjonaw l-istess fond.

Hekk kif fetħu l-bieb ta’ barra, il-membri tal-Pulizija, senjatament PC213 Nikolai Borg u WPS 45 Marisa

Bartolo, telgħu it-taraġ u fejn hemmhekk kien hemm **Giovanna Pace** li bdiet tgħajjat mal-pulizija. F'dak il-ħin kien hemm kelb ġewwa l-imsemmi fond li immedjatament attakka lil PC213 Nikolai Borg. L-imsemmija membri tal-Pulizija ordnaw lil **Giovanna Pace** biex taqla' l-kelb minn mal-persuna ta' PC 213 iżda din irrifjutat li tagħmel hekk. Fortunatament, il-kelb inqala' minn ma' PC 213 u **Giovanna Pace** bdiet tkeskes lill-istess kelb biex jattakka lil WPS 45 Marisa Bartolo. Sadanittant, PC 213 irnexxielu jidħol fil-kamra tal-kċina waqt li **Giovanna Pace** kienet qed tirreżisti lil WPS 45 u l-imsemmi kelb kien se jerġa jħebb għaliha. Ftit wara, **Giovanna Pace** imbottat lil WPS 45 u telqet biex tidħol fil-kamra fuq in-naħa tax-xellug ta' WPS 45 – li kienet il-kamra tas-sodda – u ppruvat tagħlaq il-bieb warajha. WPS 45 issarat mal-bieb tal-kamra biex ma jingħalaqx u **Giovanna Pace,** minn wara l-bieb tal-kamra tas-sodda qabdet lil WPS 45 mill-polz tagħha u ppruvat timbuttaha ma' l-art. PC 1220 Chris Baldacchino, li kien qiegħed ħdejn il-bieb ta' barra tal-fond, tela għal ħdejn WPS45 u flimkien huma rnexxielhom jimbuttaw il-bieb tal-kamra tas-sodda 'l ġewwa u daħlu fl-istess kamra fejn raw li kien hemm biċċa għamara u li **Giovanna Pace** marret immedjatament għaliha u qabdet xi oġġetti f'idejha. Kemm WPS 45 u kemm PC 1220 marru biex iżommu lil **Giovanna Pace** u rnexxielhom jieħdu dawn l-oġġetti minn idejha. Wara aktar investigazzjonijiet irriżulta li dawn l-oġġetti kienu d-droga msemmija fil-Kapi ta' Akkuża preċedenti.

X'ħin l-uffiċjali tal-pulizija ppruvaw joħorġu lil **Giovanna Pace** mill-kamra tas-sodda hi rvellat u kompliet toffri aktar resistenza filwaqt li bdiet tallega li kellha bżonn ixxarrab wiċċha. X'ħin ħallewha tmur fil-kamra tal-banju biex ixxarrab wiċċha, l-uffiċjali tal-pulizija indunaw li **Giovanna Pace** minflok marret lejn is-sink, qabdet u għolliet is-seat tat-toilet. X'ħin raw hekk, ħarġu lil **Giovanna Pace** mill-kamra tal-banju. Dak il-ħin waslu fuq il-post ukoll WPS 89 Mariella Spiteri u PS 1044 Gordon Calleja u baqgħu deħlin ġewwa l-imsemmi fond. Huma marru lkoll fil-kċina u **Giovanna Pace** reġgħet qalet li xtaqet ixxarrab wiċċha. PS 1044 Gordon Calleja qalilha biex tuża s-sink tal-kċina iżda din, minflok li użat is-sink, ipprovat taħrab mill-kċina u

kull meta xi uffiċjal tal-pulizija beda jipprova jersaq lejha biex iżommha, **Giovanna Pace** bdiet ixxejjer biċċa drapp mibruma lejn wiċċ l-uffiċjali tal-pulizija jew tipprova taqbdilhom xagħarhom.

Illi tul il-ħin kollu ta' din ir-resistenza, l-ammont ta' persuni li attakkaw lill-uffiċjali tal-pulizija ma kienx jabqbeż it-tlieta min-nies u fl-ebda ħin ma kienu qed jintużaw xi armi regolari.

Illi b'għemilha, **Giovanna Pace** saret ħatja talli attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna jew persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, senjatament lil WPS 45 Marisa Bartolo, PC 213 Nikolai Borg, PC 1220 Chris Baldacchino, WPS 89 Mariella Spiteri u PS 1044 Gordon Calleja, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti, b'dan illi l-imsemmi attakk jew ir-reżistenza sar minn wieħed jew tnejn min-nies.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi akkuża lil **Giovanna Pace** ħatja talli attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna jew persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, senjatament lil WPS 45 Marisa Bartolo, PC 213 Nikolai Borg, PC 1220 Chris Baldacchino, WPS 89 Mariella Spiteri u PS 1044 Gordon Calleja, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti, b'dan illi l-imsemmi attakk jew ir-reżistenza sar minn wieħed jew tnejn min-nies.  Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużata u illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' xhur iżda mhux aktar minn sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 31, 96(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista'skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużata.

8.  Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmin Kap illi fl-istess ġranet u taħt l-istess ċirkostanzi indikati fil-Kap ta' Akkuża preċedenti, u ċioe' fl-għoxrin (20) ta' April elfejn u

erba' (2004) għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' wara nofsinhar (2.15 pm) filwaqt li l-uffiċjali tal-Pulizija kienu qegħdin jipprekwiżizzjonaw il-fond numru 61 Mill Street, Qormi, b'konnessjoni mar-reati miġjuba fil-Kapi ta' akkuża preċedenti, **Giovanna Pace** bdiet tinġurja u thedded lil PC213 Nikolai Borg u WPS 45 Marisa Bartolo.

Fil-fatt, hekk kif l-imsemmija membri tal-pulizija daħlu fil-fond u bdew tielgħin it-taraġ, **Giovanna Pace** infexxet tgħajjat u tinġurja l-pulizija. Ma ġenbha kien hemm kelb ukoll li immedjatament attakka lil PC213 Nikolai Borg. Minkejja li l-uffiċjali tal-pulizija ordnaw lil **Giovanna Pace** biex taqla' l-kelb minn ma PC 213 din irrifjutat u ħalliet lill-kelb jattakka lill-imsemmi uffiċjal. Fortunatament, il-kelb inqala' minn ma' PC 213 iżda **Giovanna Pace** bdiet tkeskes lill-istess kelb biex jattakka lil WPS 45 Marisa Bartolo.

**Giovanna Pace,** madankollu kompliet thedded lil WPS 45 u l-imsemmi kelb kien se jerġa jħebb għaliha. Ftit wara, **Giovanna Pace** imbottat lil WPS 45 u daħlet fil-kamra fuq in-naħa tax-xellug ta' WPS 45 u ppruvat tagħlaq il-bieb warajha. WPS 45 Marisa Bartolo, flimkien ma' PC 1220 Chris Baldacchino li wasal fuq il-post, irnexxielha timbotta l-bieb 'l ġewwa u daħlu fl-istess kamra fejn raw li kien hemm biċċa għamara u li **Giovanna Pace** marret immedjatament għaliha u qabdet xi oġġetti f'idejha. Kemm WPS 45 u kemm PC 1220 irnexxielhom jieħdu dawn l-oġġetti minn idejn **Giovanna Pace** u wara aktar investigazzjonijiet irriżulta li dawn l-oġġetti kienu droga.

WPS 45 Marisa Bartolo u PC 213 Nikolai Borg irnexxielhom iwaqqfu lil **Giovanna Pace** waqt li kienu fil-kamra tas-sodda u ppruvaw iniżżluha ma' l-art biex ikunu jistgħu jimmanettjawha u x'ħin rat hekk, **Giovanna Pace** gidmet lil WPS 45 Marisa Bartolo f'kuxxtejha u kkaġunatilha ġrieħi ta' natura gravi.

Illi b'għemilha, l-imsemmija **Giovanna Pace** saret ħatja talli inġurjat, jew heddedt, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, senjatament lil WPS 45 Marisa Bartolo u PC

213 Nikolai Borg, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan isservizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil **Giovanna Pace** ħatja talli inġurjat, jew heddedt, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta’ wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, senjatament lil WPS 45 Marisa Bartolo u PC 213 Nikolai Borg, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan isservizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz. Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużata u illi hija tiġi kkundannat għall-piena ta’priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn tnax-il sena dak li hemm u jintqal fl-artikoli 31, 95(1), 218 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmija akkuzata.

Rat in-Nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Mark Pace li jikkonsistu fis-segwenti :

1. In-nullita’ tas-sitt Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza in kwantu l-fatt migjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt fl-istess kap ;
2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-piena mitluba fis-sitt Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza ma hijiex kontemplata fil-ligi ;
3. In-nullita` tar-raba` w tal-hames kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza in kwantu l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati rispettivi ma gewx citati kif ukoll in kwantu r-reati fihom dedotti ma gewx migjuba jew deskritti, fis-sustanza, bhala ma huma migjuba jew deskritti fil-ligi ;
4. L-inammissibilita` ta’ l-istqarrijiet ta’ Oscar Cassar u ta’ Philip Aquilina, salv jekk jintuzaw limitatament ghall-finijiet ta’ kontroll ;
5. L-inammissibilita` ta’ l-istqarrijiet ta’ Giovanna Pace u ta’ Christopher Mazzittelli ;
6. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta’ Dr. Vincent Galea in kwantu jikkostitwixxi *hearsay evidence.*

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Christopher Mazzittelli li jikkonsistu fis-segwenti :

A. Illi bhala avviso ai naviganti l-esponenti jfakkar kif f’kull Kap tal-Att ta’ Akkuza li ser tinghata lil gurati, l-kliem recidiv, kif ukoll kull riferenza ghal sejbien ta’ htija precedent ghandu jitnehha u ma jinqarax lill-istess gurati ;

B. Illi in vista tal-fatt li sotto-stanti ghar-residenza fl-indirizz 61, Mill Street, Qormi hemm garage li jifforma u jinkwadra ruhu fil-kaz odjern, l-esponenti jqis li f’kull parti tal-att ta’ akkuza fejn l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghal « fond » minghajr ma jiddistingwi bejn ir-residenza w il-garage, huwa zball. Ghaldaqstant l-esponenti jitlob sabiex ma jithawwdux il-gurati u li tkun cara ghal kulhadd id-differenza bejn it-tnejn galadarba ghandhom entraturi separata, ghalkemm sottostanti/sovrastanti lil xulxin, kull fejn issir riferenza ghal « fond » tali riferenza tkun mibdula u ssir specifika draw jekk hux qed isemmi l-Avukat Generali l-garage jew id-dar. Tali talba qed issir a tenur tal-artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali ;

C. Il-Perit Tekniku, l-arkitett Richard Aquilina ppresenta rapport immarkat bhala RA1 liema rapport jittratta incident li sehh nhar il-15 ta’ Frar 2005 u mhux l-incident mertu ta’ dawn il-proceduri. Tant huwa hekk li l-istess Perit fis-seduta ta’ nhar id-29 ta’ Marzu 2010 jgharaf dan l-istat ta’ fatt. L-Avukat Generali ferm qabel din id-dikjarazzjoni tal-Perit tramite r-rinviji li huwa ghamel gharaf din is-sitwazzjoni. Ghaldaqstant jintalab l-isfilz ta’ din ir-relazzjoni. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi ;

D. Id-dokument JMX3 huma tlett video tapes li gew mghoddija lil Qorti tramite l-Ispettur Josric Mifsud. Minkejja li l-verbal tas-seduta a fol. 220 jghid li dawn gew esebiti bil-gurament mill-istess Spettur, analizi tax-xhieda a fol. 272/273 tal-atti processwali juru xort’ohra – *quod nullum est, nullum producit effectum.* Dan id-dokument ghaldaqstant ma jsegwix il-principju tac-chain of evidence. Isegwi naturalment li r-relazzjoni mmarkata bhala dok. DVD esebita mill-Perit Trekniku Dr. S. Farrugia Sacco hija monka stante li dan id-dokuemnt ma huwa xejn ghajr hlief kopja digitali tad-dokument JMX3 u dan fid-dawl tal-principju legali *ab initio nullum, semper nullum.* Din l-

eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

E. Illi d-dokument immarkat Dok. JM3 u cioe` l-istqarrija rilaxxata minn Christopher Mazzitelli ma huwiex prova ammissibbli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali nostrana galadarba l-istess Christopher Mazzitelli ma nghatax il-fakolta` li jikkonsulta ma' Avukat tal-ghazla taghha qabel ir-rilaxx ta' tali stqarrija. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

F. Illi d-dokument immarkat Dok. PV642/04 jikkontjeni stqarrijiet ta' certu Oscar Cassar u Philip Aquilina. Dawn ma humiex prova ammissibbli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali nostrana, galadarba l-istess Oscar Cassar u Philip Aquilina ma nghatawx il-fakolta` li jikkonsultaw ma' Avukat tal-ghazla taghhom qabel ir-rilaxx ta' tali stqarrija. L-istess jinghad ghall-Dok. PV 645/04 li jikkontjeni stqarrija rilaxxata minn Josephine sive Guza Micallef. Jinghad l-istess ukoll ghar-rigward ta' Dok. PV644/04 in konnessjoni ma' l-istqarrijiet rilaxxati minn Floyd Attard u Charlon Calleja u bla dubju ta' xejn japplika dan kollu ukoll ghal Dok. PV 643/04 in konnessjoni ma' l-istqarrija rilaxxata minn John sive Jon Lawrence Formosa. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

G. Illi r-relazzjoni u l-konsegwenzjali xhieda moghtija minn Dr. Vince Galea LL.D ma humiex provi ammissibbli u dana skond il-gurisprudenza in vista tal-fatt li tali kompendju tal-assi ma huwiex prova in sostenn tal-akkuzi izda biss ezercizzju li jsir sabiex jiffacilita` x-xoghol tal-amministrazzjoni tal-Gustizzja fl-eventwalita` li jkun sejbien ta' htija u ordni ghal konfiska tal-assi tal-persuna misjuba hatja. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

H. Illi l-kapi ta' akkuza numru tnejn u tlieta jittrattaw id-droga herojina u li l-kapi ta' akkuza numru erbgha w hamsa jittrattaw id-droga cannabis. L-Avukat Generali

qieghed jakkuza lill-aesponenti fit-tieni kap bi traffikar ta' herojina u fit-tielet kap b'pussess aggravat ta' l-istess sustanza. L-istess jghodd ghar-raba` w il-hames kapi naturalmetn in konnessjoni mad-droga cannabis. Jinghad li dan l-ezercizzju maghmul mill-Avukat Generali fejn qieghed jakkuza lill-esponenti darbtejn b'delitt tal-istess generu fuq l-istess droga huwa ezercizzju kontra l-ligi, fejn l-Avukat Generali qieghed jitlob sejbien ta' htija tal-esponenti darbtejn fuq l-istess sustanza.

Tkompli titkabbar din l-ipotezi tal-ligi galadarba kemm il-cannabis, kemm il- kokajina, kif ukoll l-herojina huma zewg sustanzi regolati mill-istess ligi u cioe` mill-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant li qieghed jaghmel l-Avukat Generali sabiex ikompli jkabbar lill- esponenti mill-bidu nett, sabiex f'ghajn il-gurati popolari l-esponenti jidher li huwa xi baruni tad-droga, minflok ghogbu li jakkuza lill-esponenti b'kap wiehed li jolqot id-droga herojina, cannabis u kokajina, ghogbu jakkuza lill- esponenti b'kapi differenti bl-istess delitti fuq kull sustanza separatament (5 b'kollox mit-tieni kap tas-sitt kap) ! Ghaldaqstant fid-dawl tal-principji tal-Kodici Kriminali fejn il-Qorti sahansitra ghandha l-poter li tordna li aktar minn att ta' akkuza wiehed ikun maqghuda, l- esponenti jiddikjara li fil-kaz odjern minflok hames kapi kellu jingieb kontra tieghu kap wiehed li jolqot il-ksur kollu tal-istess ligi u mhux li jingiebu kontra tieghu 5 kapi, sabiex b'hekk f'kaz ta' sejbien ta' htija l-Avukat Generali jkun jista` jitlob li l-komputazzjoni tal-piena ssehh a tenur tal-artikolu 17(a) u 17(b) tal-Kodici Kriminali. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Giovanna Pace li jikkonsistu fis-segwenti :

A. Illi l-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuza huwa monk stante li dan il-Kap jittratta akkuza dwar id-delitt ta' assocjazzjoni u li fil-parti narrattiva tieghu, sabiex mill-bidu nett l-esponenti tintefa f'dawl ikrah f'ghajnejn il-gurati jissemmew fatti ohra relatati ma' kap iehor tal-att ta' akkuza de quo. Talli ezercizzju huwa wiehed perikoluz

ferm stante li jservi biss sabiex mill-ewwel opportunita` l-prosekuzzjoni tibda tohloq impressjoni hazina tal-esponenti. Tkompli titkabbar din l-impressjoni hazina f'mohh il-gurati mill-Avukat Generali intenzjonalment, meta l-istess parti narrattiva titkellem dwar il-fatt li terzi kienu « jifthiemu biex jiltaqghu fir-residenza ta' « l-esponenti, b'dana illi l-Avukat Generali jaf li dan il-kaz jinkwadra ruhu allegatament mal-garage u mhux mar-residenza – xhieda ta' dan hija l-parti narrattiva msemmija fil-kapi l-ohra. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(b) tal-Kodici Kriminali limitatament ghal zball fl-Att ta' Akkuza u s-subartikolu (g) rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra.

B. Illi t-Tieni u r-Raba` Kapi tal-Att ta' Akkuza jittrattaw id-delitt ta' traffikar ta' herojina w ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis, rispettivament. L-element kostituttiv ta' dan id-delitt huwa proprju li terzi jixhdu u jispjegaw kif huma gieli xtraw droga minghand l-akkuzat. Fil-kaz de quo ma jezisti l-ebda xhud f'dan ir-rigward u ghaldaqstant dawn il-Kapi qatt ma kellhom jingabu kontra l-esponenti. Ghandu jinghad ukoll li anke f'dan il-Kap, il-prosekuzzjoni sabiex iggib il-bocca vicin il-lik, b'uzu tal-vokabularju, daqqa taghmel riferenza ghal garage sottostanti ghad-dar tal-esponenti, u daqqiet ohra konvenjentement taghzel li taghmel riferenza ghar-« residenza » ta' l-esponenti – dan jammonta ghal qerq bil-kliem. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra.

C. Illi l-artikoli citati fit-Tmien Kap tal-Att ta' Akkuza huma hziena stante li qieghed jigi citat l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Analizi kemm tax-xhieda tal-ex SM45 Marisa Bartolo, u moqrija d-depozizzjoni tal-Perit Tekniku Dr. Mario Scerri MS, l-offiza li semmai saret tinkwadra ruhha fl-ambitu tal-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-kodici Kriminali rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra.

D. Il-Perit Tekniku, l-arkitett Richard Aquilina pprezenta rapport immarkat bhala RA1 liema rapport jittratta incident li sehh nhar il-15 ta' Frar, 2005 u mhux l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Tant huwa hekk li l-istess Perit fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Marzu 2010

jgharaf dan l-istat ta’ fatt. L-Avukat Generali ferm qabel din id-dikjarazzjoni tal-Perit tramite ir-rinviji li huwa ghamel gharaf din is-sitwazzjoni. Ghaldaqstant jintalab l-isfilz ta’ din ir-relazzjoni. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

E. Id-dokument JMX3 huma tlett video tapes li gew mghoddija lil Qorti tramite l-Ispettur Josric Mifsud. Minkejja li l-verbal tas-seduta a fol. 220 jghid li dawn gew ezebiti bil-gurament mill-istess Spettur, analizi tax-xhieda a fol. 272/273 tal-atti proceswali juru xort’ohra – *quod nullum est, nullum producit effectum.* Dan id-dokument ghaldaqstant ma jsegwix il-principju tac-chain of evidence. Isegwi naturalment li r-relazzjoni mmarkata bhala Dok. DVD ezebita mill-Perit Tekniku Dr. S. Farrugia Sacco hija monka stante li dan id-dokument ma huwa xejn ghajr hlief kopja digitali tad-dokument JMX3 u dan fid-dawl tal-principju legali *ab initio nullum, semper nullum.* Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

F. Illi d-dokument immarkat Dok. JM1 u cioe` l-istqarrija rilaxxata minn Giovanna Pace ma huwiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali nostrana galadarba l-istess Giovanna Pace ma nghatatx il-fakolta` li tikkonsulta ma’ Avukat tal-ghazla taghha qabel ir-rilaxx ta’ tali stqarrija. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

G. Illi d-dokument immarkat Dok. PV 642/04 jikkontjeni stqarrijiet ta’ certu Oscar Cassar u Philip Aquilina. Dawn ma humiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali nostrana, galadarba l-istess Oscar Cassar u Philip Aquilina ma nghatawx il-fakolta` li jikkonsultaw ma’ Avukat tal-ghazla taghhom qabel ir-rilaxx ta’ tali stqarrija. L-istess jinghad ghal Dok. PV 645/04 li jikkontjeni stqarrija rilaxxata minn Josephine sive Guza Micallef. Jinghad l-istess ukoll ghar-rigward ta’ Dok. PV 644/04 in konnessjoni ma’ l-istqarrijiet rilaxxati minn Floyd Attard u Charlon Calleja u bla dubju ta xejn japplika dan kollu ukoll

ghal Dok. PV 643/04 in konnessjoni ma' l-istqarrija rilaxxata minn John sive Jon Lawrence Formosa. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

H. Illi in vista tax-xhieda ta' x-SM45 Bartolo nhar is-16 ta' Mejju 2008 u cioe` li t-tabib li invistaha kien Dr. Michael Farrugia, in vista tal-fatt ukoll li c-certifikat mediku dok MRC1 esebit minn Dr. Mary Rose Cassar ma huwiex iffirmat, ma ghandux timbru, ma jidhrux il-kwalifici professjonali tat-tabib li ghamli, kif ukoll li l-istess certifikat ma giex konfermat bil-gurament mit-tabib li kitbu u dan kollu bi ksur tal-artikolu 646(7) tal-Kodici Kriminali, tali certifikat ma huwiex dokument ammissibbli. Jsegwi naturalment li xhieda ta' Dr. Mary Rose Cassar ma ghandhiex tingieb quddiem il-gurija. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

I. Illi x-xhieda u r-ritratti (Dok. JZ1) moghtija u meduda minn WPC63 Janet Zammit in vista tal-principju ta' « equality of arms » ma ghandhomx ikunu accettati bhala xhieda stante li l-espert nominat mill-Qorti Istruttorja sabiex jibbilancja l-mizien u cioe` Robert Cardona filwaqt li espleta l-inkarigu lilu moghti, naturalment huwa qatt ma talab lill-esponenti li hija toqghod tippoza sabiex issir emfasi akbar fuq ir-ritratt u dan ghal kuntrarju tar-ritratti mehuda lil SM45 Bartolo, fejn jidher bic-car li hija qaghdet tippoza to « increase dramatic effect ». Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

J. Illi r-relazzjoni u l-konsegwenzjali xhieda moghtija minn Dr. Vince Galea Ll.D ma humiex provi ammissibbli u dana skond il-gurisprudenza in vista tal-fatt li tali kompendju tal-assi ma huwiex prova in sostenn tal-akkuzi izzda biss ezercizzju li jsir sabiex jiffacilita` x-xoghol tal-amministrazzjoni tal-Gustizzja fl-eventwalita` li jkun sejbien ta' htija u ordni ghal konfiska tal-assi tal-persuna misjuba hatja. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

K. Illi l-kapi ta' akkuza numru tnejn u tlieta jittrattaw id-droga herojina u li l-kapi ta' akkuza numru erbgha w hamsa jittrattaw id-droga cannabis. L-Avukat

Generali qieghed jakkuza lill-esponenti fit-tieni kap bi traffikar ta’ herojina u fit-tielet kap b’pussess aggravat ta’ l-istess sustanza. L-istess jghodd ghar-raba` u l-hames kapi naturalment in konnessjoni mad-droga cannabis. Jinghad li dan l-ezercizzju maghmul mill-Avukat Generali fejn qieghed jakkuza lill-esponenti darbtejn b’delitt tal-istess generu fuq l-istess droga huwa ezercizzju kontra l-ligi, fejn l-Avukat Generali qieghed jitlob sejbien ta’ htija tal-esponenti darbtejn fuq l-istess sustanza.

Tkompli titkabbar din l-ipotesi tal-ligi galadarba il-cannabis, kemm il- kokajina, kif ukoll l-herojina huma zewg sustanzi regolati mill-istess ligi u cioe` mill-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghaldaqstant li qieghed jaghmel l-Avukat Generali sabiex ikompli jkabbar lill-esponenti mill-bidunett, sabiex f’ghajn il-gurati popolari l-esponenti tidher li hija xi barunessa tad-droga, minflok ghogbu li jakkuza lill-esponenti b’kap wiehed li jolqot id-droga herojina, cannabis u kokajina, ghogbu jakkuza lill-esponenti b’kapi differenti bl-istess delitti fuq kull sustanza separatament (5 b’kollox mit-tieni kap sas-sitt Kap) ! Ghadaqstant fid- dawl tal-principju tal-Kodici Kriminali fejn il-Qorti sahansitra ghandha l- poter li tordna li aktar minn att ta’ akkuza wiehed ikunu maqghuda, l-esponenti tiddikjara li fil-kaz odjern minflok hames kapi kellu jingieb kontra taghha kap wiehed li jolqot il-ksur kollu tal-istess ligi u mhux li jingiebu kontra taghha 5 kapi, sabiex b’hekk f’kaz ta’ sejbien ta’ htija l-Avukat Generali jkun jista` jitlob li k-komputazzjoni tal-piena ssehh a tenur tal-artikolu 17(a) u 17(b) tal-Kodici Kriminali. Din l- eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra.

**Sentenza dwar l-Eċċezzjonijiet Preliminari ta’ Giovanna Pace. Mark Pace u Christopher Mazzitelli.**

**Fol 29. L-eċċezzjonijiet ta’ Mark Pace**

**L-ewwel Eċċezzjoni – Nullita’ tas-sitt Kap tal-Att tal-Akkuża.**

In-Nullita’ tas-sitt kap tal-Att tal-Akkuża in kwantu l-fatt miġjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt fl-istess kap.

Is-sitt Kap huwa dwar pussess ta’ kokaina (piż 0.6 grammi) ta’ ċirka 8% purita’. Skont il-Kap tal-Att tal-Akkuża Mark Pace u Christopher Mazzitelli kellhom aċċess għall-fondi 61 Mill Street Qormi u l-garaxx sottostanti.

Id-Difiża ssottomettiet li l-fatt li wieħed ikolu aċċess għall-post ma jfissirx li għandu l-pussess għal dak li hemm ġo fih. L-aċċess ma jikkostitwix l-elementi għar-reat ta’ pussess.

Il-Prosekuzzjoni ma qablitx. Mark Pace kellu ċ-ċavetta u i jkollok iċ-ċavetta jaqa’ fl-sifera tal-pussess. Fil-fatti espożittiva m’hemmx għalfejn ‘tagħti dttalji to the letter’ meta inti tispjega li dawk iċ-ċirkostanzi jammontaw għal reat.

Ikkonsidrat

L-artikolu (ċ) tal-artikolu 589 tal-Kap 9 jgħid:

‘ifisser il-fatt lio jikkostitwixxi r-reat, bil-partikolaritajiet li jkunu jistgħu jinġħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkolstanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena.’

Issa fil-Liġijiet tad-Droga (il-Kap 31 u l-Kap 101, imkien ma hemm definizzjoni ta’ pussess iżda mid-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna jirriżulta li l-pussess ma jfissirx li inti tkun is-sid; il-pussess m’għandux it-tifsira tinsab fil-Kap 16 li li wieħed ikollu xi ħaġa bl-animus rem sibi habendi, iżda sempliċiment li wieħed ikollu kontroll tad-droga in eżami.

Fil-fehma tal-Qorti, l-Avukat Ġenerali ta dettalji biżżejjed dwar l-akkuża ta' pussess fid-deskrizzjoni narrattiva. Li wieħed ikollu aċċess għall-post, bħala sid, bħal inkwilin, bħala squatter, bħala ħabib jista' jindika li din il-persuna taf x'hemm fil-post u li għandha kontroll fuqha. Issa l-ġurati jridu jaraw jekk il-provi li ġġib il-Prosekuzzjoni humiex moralment konvinċenti biżżejjed li jwasslu għas-sejbien t'a ħtija tal-pussess.

Il-Qorti mhix taċċetta l-argument li m'hemmx dettalji biżżejjed jew li riedu jingħataw aktar dettalji jew li d-dettalji mogħtija mhumiex biżżejjed biex jorbtu mar-reat mogħti fil-parti akkużżativa.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din l-ewwwel eċċezzjoni.

**It-Tieni Eċċezzjoni – Piena mogħtija erroneament fis-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuża.**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

'Bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-piena mitluba fis-sitt Kap tal-Att tal-Akkuża ma hijiex kontemplata fil-Liġi.'

Il-piena indikata f'dana il-Kap hija ta' priġunerija għal għomor. Il-piena għall-pussess sempliċi mhix waħda ta' priġunerija għal għomor u għalhekk il-piena indikata hija ħażina. Il-Prosekuzzjoni qablet ukoll ma' din l-eċċezzjoni.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni u qed tordna lill-Prosekuzzjoni sabiex tbiddel il-parametri tal-piena għall-pussess sempliċi ta' kokaina.

**It-Tielet Eċċezzjoni – In-Nullita' tar-Raba' u l-Ħames Kapi**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

In-nullita' tar-raba' u l-ħames kapi tal-Att tal-Akkuża in kwantu l-artikoli tal-Liġi li jikkontemplaw ir-reati rispettivi ma ġewx ċitati kif ukoll in kwantu r-reati fihom dedotti ma

ġewx miġjuba jew deskritti, fis-sustanza, bħalma huma miġjuba jew deskritti fil-Liġi.

Id-difiża ssottomettiet li raba' u l-ħames kapi jirrigwardaw ir-raża tal-cannabis. Fir-raba' kap suppost li kien indikat l-artikolu 8(b) u fil-ħames l-artikolu 8(a) tal-Kap 101.

Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li riedet tiċċekkja l-artikoli.

Ikkonsidrat

Ir-raba' Kap huwa dwar traffikar tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis. L-Avukat Ġenerali irrefera għall-artikolu 22 bis-subinċiżi tiegħu huwa u jirreferi għall-piena. Waqt li xi subinċiżi minn dawn iridu jibqgħu, iżda żgur irid ikun introdott l-artikolu 8(b) tal-Kap 101 li jgħid hekk:

'jipproduċi, ibigħ jew xort'oħra jittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;'

Li l-ħames Kap huwa dwar 'biċċiet tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis'. L-akkuża hija dwar pussess tar-raża tal-cannabis.

Għal darb'oħra l-Avukat Ġenerali semma diversi subinċiżi mill-artikolu 22 tal-Kap 101 huwa u jirreferi għall-piena. Naqas li jirreferi għall-artikolu 8(a) tal-Kap 101 li jgħid hekk:

'ikollu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;'

Għaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni u qed tordna lill-Prosekuzzjoni tibdel l-artikolu indikati fil-parti tal-piena.

**Ir-raba' eċċezzjoni - L-inammissibilita' tal-istqarrijiet ta' Oscar Cassar u ta' Philip Aquilina**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

‘L-inammissibilita’ tal-Istqarrijiet ta’ Oscar Cassar u ta’ Philip Aquilina salv jekk jintużaw limitatament għall-finijiet ta’ kontroll.’

Ikkonsidrat

Skont l-artikolu 661 tal-Kap 9

‘Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta’ preġudizzju għal ebda persuna oħra.’

Skont l-Artikolu 30A tal-Kap 101:

‘Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuan tkun involuta f’xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xhieda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista’ tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b’reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xhieda tkun saret jew ingħatat volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b’theddid jew b’biża’, jew b’wegħdiet je bi twebbil ta’ vantaġġi.’

Isegwi li (i) stqarrija ġuramentata tista’ tinġieb kontra l-akkużat jew akkużati;

(ii) stqarrija li mhix ġuramentata tista’ tintuża biss bħala mezz ta’ kontroll

Il-preżenza jew in-nuqqas ta’ preżenża ta’ avukat matul stqarrijiet meħudin quddiem Maġistrat ma hix kwistjoni li tista’ tqajjem id-difiża għax din hija kwistjoni li tirrigwarda biss lil min ikun għamel it-tali stqarrija.

Mhux biss l-artikolu 30A tal-Kap 101 għadu jidher fil-Liġi iżda wkoll ebda deċiżjoni minn xi Qorti Kriminali jew tal-Appell Kriminali (inferjuri) jew (superjuri) jew mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili jew mill-Qorti Kostituzzjonali ma qalet li hemm xi ħaġa irregolari f’dawn l-istqarrijiet.

Għalhekk din il-Qorti qed tiddisponi minn din l-eċċezzjoni kif ġej:

(a) L-istqarrijiet ta’ Oscar Cassar u ta’ Philip Aquilina dejjem jistgħu jintużaw bħala mezz ta’ kontroll;

(b) Bl-artikolu 30A tal-Kap 101 jistgħu jintużaw bħala prova kontra l-akkużat jew akkużati.

**Il-Ħames Eċċezzjoni – L-inammissibilita’ tal-istqarrijiet ta’ Giovanna Pace u ta’ Christopher Mazzitelli.**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

‘L-inammissibilita’ tal-istqarrijiet ta’ Giovanna Pace u ta’ Christopher Mazzitelli.’

Id-dfiża ssottomettiet li dawn fil-fatt huma ko-akkużati. Jekk issir is-separazzjoni tal-ġudizzju, allura jsegwi li jkunu jistgħu jintużaw għall-fini ta’ kontroll.

Il-Qorti qed tilqa’ din il-ħames eċċezzjoni minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 636 (b) tal-Kap 9 kif ukoll minħabba dak li jgħid l-artikolu 661 tal-Kap 9 aktar ‘il fuq riprodott.

**Is-Sitt Eċċezzjoni – Ir-Relazzjoni ta’ Dr Vincent Galea.**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

‘L-inammissibilita’ tar-relazzjoni ta’ Dr Vincent Galea in kwantu jikkostitwixxi ‘hearsay evidence’.

Dwar din l-eċċezzjoni hemm qbil bejn id-Difiża u l-Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti qed tilqa’ din l-eċċezzjoni u qed tiddikjara li x-xhieda ta’ Dr Vincent Galea hija inammissibbli.

**Fol 33 –L-eċċezzjonijiet ta’ Christopher Mazzitelli.**

**Eċċezzjoni A.**

Il-Qorti qed tilqa’ din l-eċċezzjoni fis-sens li l-att tal-akkuża li jingħata l-ġurati ma jkunx fih referenza għar-reċidiva.

**Eċċezzjoni B.**

Bir-rispett kollu, il-Qorti mhix qed tara xi ħtieġa li jkun hemm aktar dettalji fil-Kapi tal-Akkuża fejn tissemma l-kelma ‘fond’. Per eżempju fl-ewwel Kap hemm il-kliem ‘cioe’ il-fond numru 61, Mill-Street Hal-Qormi’; fit-tieni Kap fit-tieni paragrafu hemm ‘ fil-fond numru 61, Mill Street, Qormi u tal-garaxx sovrastanti u fil-paragrafu 5 jissemma biss ‘ u dan billi jmorru fil-garxx imsemmi’; fit-tielet Kap fl-ewwel paragrafu jissemma ‘ u cioe l-fond numru 61 Mill Street, Ħal-Qormi li hija r-residenza ta’ Givoanna Pace’, fi-ttielet paragrafu hemm il-kliem ‘wettqu tfittxija ġewa r-residenza msemmija’ u fil-ħames paragrafu ‘illi l-fondi msemmija, u cioe; 61 Mill Street Qormi u l-garaxx sottostanti’; fir-raba’ Kap fit-tieni paragrafu hemm il-kliem ‘il-fond 61 Mill Street Hal-Qormi u l-garaxx sottostanti; fil-ħames Kap fl-ewwel paragrafu jissemma speċifikatament il-fond 61 Mill StreetQormi , fit-tieni parqagrafu hemm il-kliem ‘residenza msemmija’ u fir-raba’ paragrafu ‘hemm il-kliem ‘ u cioe 61 Mill Street Qormi u l-garaxx sottostanti ilhom jintużaw bħala r-residenza tal-akkuażta Givoanna Pace; fis-sitt kap fit-tieni paragrafu hemm il-kliem ‘ fil-fond 61 Mill Street Qormi u l-garaxx sottostanti. Is-seba’ u t-tmein kapi għandhom x’jaqsmu biss ma’ Giovanna Pace.

**Il-Qorti mhix qed tilqa’ din l-eċċezzjoni**.

**Eċċezzjoni Ċ – Relazzjoni ppreżentata bi Żball**

Dwar din l-eċċezzjoni kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża li din ir-relazzjoni kienet ippreżentata bi żball u li m’għandhiex x’taqsam mal-proċeduri. Għalhekk il-Qorti qed tilqa’ din l-eċċezzjoni u qed tordna l-isfliz tar-rapport ippreżentat mill-Perit Richard Aquilina fis-seduta tat-22 ta’ Maarzu 2010 u li qegħda a fol 1030 tal-proċess.

**Eċċezzjoni D – Tliet video tapes ppreżentati mill-Ispettur Josric Mifsud.**

Skont id-difiża id-dokument JMX3 ma kienx ġuramentat mill-Ispettur Josric Mifsud minkejja li fil-verbal tas-seduta a fol 220 hemm miktub li l-esibiti kienu ppreżentati bil-ġurament mill-istess spettur.

Il-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' din is-sottomissjoni. L-Ispettur xehed u waqt ix-xhieda tiegħu (li dejjem tibda bil-ġurament) huwa ppreżenta l-esibiti. Il-verbal huwa r-record ta' x'ġara fl-Awla u ma jistax ikun injorat. Lanqas jekk il-kliem 'qed nippreżenta dawn l-esibiti' ma ntqalux waqt ix-xhieda tal-ispettur, il-verbal huwa prova qawwija biżżejjed. Din il-Qorti m'għandha ebda raġuni għala għandha tiddubitha dak li hemm fil-verbal jew li dawn il-video tapes tpoġġew minn xi ħadd ieħor.

Iseqwi li lanqas id-DVD esibit mill-Perit Tekniku Dr.S.Farrugia Sacco m'huwa monk. Lanqas li kieku wieħed kellu jqis l-videos monki għax, skont id-difiża, m'hemmx il-kliem 'Qed nippreżenta dawn il-vdeos bil-ġurament' ma jfissirx li l-video ippreżentat minn Dr.S.Farrugia Sacco ma jistax jintuża għax dan wara kollox ikun il-best evidence possibbli fiċ-ċirkostanzi. Il-best evidence mhux dejjem u bilfors irid ikun id-dokument oriġinali. M'hemm xejn fil-Liġi tal-Provi li jipprekludi lill-Prosekuzzjoni jew lid-Difiża li jġibu prova oħra sakemm din tkun tissodisfa l-Qorti.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni D.**

**Eċċezzjoni E – Id-dokument JM3 – Listqarrija ta' Christopher Mazzitelli.**

Id-difiża qed tgħid li l-akkużat ma kienx mogħti l-fakolta' li jikkonsulta ma' avukat u għalhekk dan imur kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti Kostituzzjonali.

Din l-eċċezzjoni qed tingħata fi stadju preliminari. L-ewwel ħaġa li qed tosserva l-Qorti huwa li l-istqarrijiet ittieħdu fis-sena 2004. Salduz vs Turkey kienet deċiża

mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Novembru 2008. Id-dritt għall-assistenza ta' avukat kien introdott f'Malta fl-10 ta' Frar 2010.

L-artikoli tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) 658 – 661, sakemm qed tinkiteb din is-sentenza, fit-13 ta' Diċembru 2011, għadhom l-istess u n-noti ta' mal-ġenb juru li dawn qatt ma kienu amendati sa minn meta kienu introdotti. Għalhekk dawn il-provvedimenti għadhom validi.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni salv kull provvediment li l-Qorti tista' tagħti lill-ġurati waqt is-smigħ tal-ġuri.**

**Eċċezzjoni F – Id-Dokument PV 642/04 – Stqarrijiet ta' Oscar Cassar, Philip Aquilina, Josephine sive Ġuża Micallef (PV 645/04), Floyd Attard u Charlon Calleja (PV 643/04).**

Skont id-difiża dawn huma kollha inammissibbli għaliex dawn ix-xhieda ma kienux assistiti minn avukat waqt l-istqarrija.

Skont l-artikolu 661 tal-Kap 9

'Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.'

Skont l-Artikolu 30A tal-Kap 101:

***'Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuan tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xhieda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija***

***<u>Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xhieda tkun saret jew ingħatat volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet je bi twebbil ta' vantaġġi.'</u>***

Isegwi li (i) stqarrija ġuramentata tista' tinġieb kontra l-akkużat jew akkużati';
(ii) stqarrija li mhix ġuramentata tista' tintuża biss bħala mezz ta' kontroll

Il-preżenza jew in-nuqqas ta' preżenża ta' avukat matul stqarrijiet meħudin quddiem Maġistrat ma hix kwistjoni li tista' tqajjem id-difiża għax din hija kwistjoni li tirrigwarda biss lil min ikun għamel it-tali stqarrija.

Mhux biss l-artikolu 30A tal-Kap 101 għadu jidher fil-Liġi iżda wkoll ebda deċiżjoni minn xi Qorti Kriminali jew tal-Appell Kriminali (inferjuri) jew (superjuri) jew mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew mill-Qorti Kostituzzjonali ma qalet li hemm xi ħaġa irregolari f'dawn l-istqarrijiet.

Għalhekk din il-Qorti qed tiddisponi minn din l-eċċezzjoni kif ġej:

(a) L-istqarrijiet ta' Oscar Cassar, ta' Philip Aquilina, Ġuża Micallef, Floyd Attard u Charlon Calleja dejjem jistgħu jintużaw bħala mezz ta' kontroll;

(b) Bl-artikolu 30A tal-Kap 101 jistgħu jintużaw bħala prova kontra l-akkużat jew akkużati.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni F.**

**Eċċezzjoni G. – Ir-relazzjoni ta' Dr.Vincent Galea mhix ammissibbli.**

Dwar din l-eċċezzjoni hemm qbil bejn id-Difiża u l-Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti **qed tilqa' din l-**

**eċċezzjoni** u qed tiddikjara li x-xhieda ta’ Dr Vincent Galea hija inammissibbli.

**Eċċezzjoni H. Akkuża Doppja**

Skont id-Difiża l-Avukat Ġenerali ma setax jakkuża lill-akkużat bi traffikar tad-droga herojina fit-tieni Kap u b’pussess aggravat ta’ heroina fit-Tielet Kap u l-istess japplika għall-Kapi 4 u 5. Il-cannabis, il-kokaina u l-herojina huma kkontrollati mill-istess liġi.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett ma jfissirx li għax it-tliet drogi msemmija jaqgħu taħt l-istess Kap allura għandu jkun hemm akkuża waħda. Minn imkien ma toħroġ din il-massima. Filfatt aktar issir enfasi fuq li wieħed għandu jkun jaf eżatt biex inhu akkużat u għal-liema droga qed tirreferi l-Prosekuzzjoni. Allura jekk taħt il-Kap 9 jista’ jirriżulta reat ta’ frodi u ta’ frodi innominata, l-Prosekuzzjoni għandha tagħti akkuża waħda biss. Il-Kapijiet tad-Droga ma jitqisux b’mod differenti minn kwalunkwe liġi oħra li tqis offiżi differenti għall-istess fatti.

It-tieni, il-Qorti ma qegħda tara xejn ħażin li jkun hemm akkużi differenti għall-istess fatti. Huma l-ġurati li għandhom jiddeċiedu jekk l-akkużat instabx ħati taħt Kap wieħed jew tnejn għall-istess fatti. Għal dik li hija piena sta għas-sottomissjonijiet tad-difiża u tal-Prosekuzzjoni u għall-ġudizzju tal-Qorti li tara fejn japplika l-artikolu 17(b) jew 17(h) tal-Kap 9 jew le.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni mmarkata H.**

**Fol 40 Eċċezzjonijiet ta’ Giovanna Pace**

Id-Difiża ġentilment indikat lill-Qorti waqt it-trattazzjoni li l-eċċezzjonijiet mogħtija minn Giovanna Pace u mmarkati bħala D, E, **F,** G, J, K jikkorrispondu għal dawk mogħtija minn Christopher Mazzitelli taħt l-eċċezzjonijiet C, D, **E,** F, G, H. (Ara fol 75)

Għalhekk il-Qorti sejra tiddisponi mill-eċċezzjonijiet ta' Giovanna Pace immarkati D, E, F, G, J, K bl-istess mod kif iddisponiet mill-eċċezzjonijiet ta' Christopher Mazzitelli mmarkati C, D, E, F, G, H b'dan pero' li fejn jirigwarda l-eċċezzjoni **F** ta' Giovanna Pace (li tikkorrispondi għall-eċċezzjoni **E** ta' Christopher Mazzitelli), wieħed għandu jqis ir-referenza li hemm għall-istqarrija ta' Christopher Mazzitelli taħt l-eċċezzjoni **E** bħala referenza għall-istqarrija li saret minn Giovanna Pace taħt l-eċċezzjoni **F**.

Għalhekk jibqa' biss dawn l-eċċezzjonijiet ta' Giovanna Pace li jridu jkun eżaminati separatament:

**A, B, C, H, I.**

**Eċċezzjoni A - L-Ewwel Kap Huwa Monk.**

F'din l-ewwel eċċezzjoni d-difiża qed tissottometti li l-Avukat Ġenerali qed ikabbar l-impressjoni ħażina f'moħħ il-ġurati billi l-parti narrattiva jirreferi għall-fatt li terzi kienu 'jiftehmu biex jiltaqgħu fir-residenza ta' Givoanna Pace meta l-Avukat Ġenerali jaf li dan il-każ jinkwadra ruħu mal-garage u mhux mar-residenza.

Ikkonsidrat

Li dawn il-fatti joħorġu ċari waqt ix-xhieda li tingħata waqt il-ġuri jew fl-eżami jew fil-kontro-eżami. Il-Qorti ma qed tara xejn monk f'dan l-Ewwel Kap tal-Akkuża.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni immarkata A.**

**Eċċezzjoni B – It-Tieni u R-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża**

Id-difiża titssottometti li peress li dawn il-Kapi huma dwar traffikar tal-herojina u tal-cannabis rispettivament, jinħtieġ

il-preżenza ta' xhieda li jitilgħu jgħidu kif sar l-allegat traffikar. Skont id-difiża tali xhieda ma jeżistux u tissottometti wkoll l-istess kumment dwar l-użu tal-kelma 'fond' u tal-kelma 'garage' mill-Prosekuzzjoni.

Fuq din l-aħħar osservazzjoni, a skans ta' repetizzjoni, il-Qorti tirreferi għar-rimarki li saru taħt l-Eċċezzjoni A.

Dwar in-nuqqas ta' xhieda dwar it-traffikar li jixhdu li xtraw minn għand Giovanna pace, dan huwa fatt li jrid jirriżulta waqt is-smigħ tal-provi meta l-ġurati jkunu jistgħu jgħarblu sa fejn twassal l-evidenza **kollha li ttella' l-Prosekuzzjoni.** Biss ma qed tara ebda nullita' minħabba dawn is-sottomissjonijiet tad-difiża tat-tieni u tar-raba' Kap vis a vis Giovanna Pace.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni B.**

**Eċċezzjoni Ċ. – Liema artikolu japplika għall-offiża**

Stante li l-Prosekuzzjoni qablet mad-Difiża li l-offiża in kwistjoni ma kellhiex taqa' taħt l-artikolu 218 tal-Kap 9, iżda taħt xi artikolu ieħor li jindika **offiża anqas gravi, il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni Ċ u qed tawtorizza lill-Avukat Ġenerali jagħmel il-korrezzjoni meħtieġa basta li ma jaggravax is-sitwazzjoni tal-akkużata.**

**Eċċezzjoni H – Ċertifikat Mediku.**

Dan iċ-ċertifikat jinsab a fol 691 jew 491 (skont liema numru tieħu it-tnejn li jidhru fuq iċ-ċertifikat) u huwa mmarkat MRC1. Dan kien ippreżentat minn Dr Mary Rose Cassar fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2009. Hija qalet hekk: Ġejt mitluba nipproduċi l-każ li ra Dr Kevin Zammit li illum jinsab imsiefer għax jinsab jaħdem barra minn Malta. Qalet ukoll li 'iċ-ċertikat hawnhekk hawn miktub li ngħata lill-Pulizija.'

Id-difiża qed tgħid li mhux iffirmat u li m'hemmx ir-registration number. Il-Qorti eżaminat iċ-ċertifikat u sabet il-firma ta' Dr Zammit kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara. Fuq in-naħa ta' wara, taħt il-firma jidher xi

registration number (bejn il-firma u d-downstrokes li jidhru huma parti mill-firma ta’ dan it-tabib għax jidhru kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara. Issa dan iċ-ċertifikat ħareġ minn sptar statali u dokumenti hekk maħruġa għandhom ikunu prova tal-kontenut tagħhom. Fuq kollox, din il-persuna tinsab imsiefra u għalhekk din kienet l-aħjar prova li setgħet tinġieb.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni H.**

**Eċċezzjoni I - Ir-ritratti ta’ WPS 45 Marisa Bartolo.**

Il-Qorti ma qed tirraviża ebda irregolarita’ f’dawn ir-ritratti. Lanqas ma hawn xi pożi speċjali da parti tal-allegata vittma.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni immarkata I.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------